

**Brussell, 21 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)**

**10437/22**

**AG 70  
INST 245**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 404 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI IL-KONFERENZA DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 404 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 404 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.6.2022  
COM(2022) 404 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U  
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**IL-KONFERENZA DWAR IL-FUTUR TAL-EWROPA  
Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta**

*“Għall-Ewropa, il-memorja tal-passat tagħna minn dejjem fasslitilna l-futur. U dan huwa aktar u aktar importanti fi żmien meta ġie lura l-inkonċepibbli fil-kontinent tagħna. It-tentattivi flagranti tar-Russja li tibdel il-mapep u li tikteb mill-ġdid anke l-aktar partijiet traġiċi tal-istorja tagħna fakkruna fil-perikli li nitilfu l-kontroll kemm tal-passat kif ukoll tal-futur tagħna. Li wieħed jgħix fi preżent perpetwu u jaħseb li l-affarijiet qatt ma jistgħu jkunu differenti. Li ma jistax ikun hemm modi aħjar ta’ kif isiru l-affarijiet. U terġa’ agħar minn hekk: Li l-affarijiet jibqgħu dejjem l-istess jekk ma nbidlux aħna biss. Dan huwa ħażin ferm! Li nibqgħu fejn aħna jfisser li sejr in lura.”*

*Il-President von der Leyen,  
id-9 ta’ Mejju 2022, Iċ-ċerimonja tal-għeluq tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa*

## 1. INTRODUZZJONI

Ilu jingħad li l-Unjoni Ewropea timxi aktar malajr u tasal aktar ’il bogħod meta jkollha. Il-frażi kkwotata ta’ spiss ta’ Jean Monnet li l-Unjoni se “tissawwar waqt il-kriżijiet u se tkun ir-riżultat tas-soluzzjonijiet adottati għal dawk il-kriżijiet” kienet korretta għal parti kbira tal-istorja tal-UE – mhux l-inqas f’dawn l-aħħar sentejn peress li kollettivament iffaċċajna pandemija globali u gwerra brutali ta’ aggressjoni fuq l-għatba tagħna. Fl-istess ħin, kien hemm sejħiet dejjem akbar miċ-ċittadini Ewropej għal bidla u riforma, u biex ikun hemm ħidma għat-titjib tal-Ewropa skont it-termini tagħhom stess. Għalhekk, il-President von der Leyen sejħiet għal Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropea fil-Linji Gwida Politiċi tagħha ta’ Lulju 2019, bħala parti minn viżjoni biex tingħata spinta ġdida lid-demokrazija Ewropea – u impenjat ruħha li tipproċedi fuq ir-riżultati tagħha.

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li bdiet f’Jum l-Ewropa 2021 u li damet għaddejjja sena, kienet eżerċizzju pan-Ewropew bla preċedent fid-demokrazija deliberattiva - l-akbar u l-usa’ ta’ dan it-tip li qatt rajna. Hija laqqgħet flimkien nies ta’ kull età, pajjiż u sfond, li ħafna minnhom qatt ma kienu involvew ruħhom mal-Ewropa jew li ma kinux familjari mal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea. Ilkoll għabu magħhom l-istejjer u l-perspettivi differenti tagħhom, il-lingwi u l-identitajiet differenti tagħhom biex jispjegaw l-aspettattivi tagħhom tal-Ewropa u biex flimkien isawru viżjoni għall-futur tagħha.

B’dan il-mod, il-Konferenza u l-parteciċipanti tagħha rriflettew kemm il-valur kif ukoll il-ħtieġa li ċ-ċittadini jkunu involuti aħjar fit-tfassil tal-politiki li jaffettwawhom ħajjithom. Dan ta’ ħajja ġdida lill-mod kif taħdem id-demokrazija b’saffi tal-Ewropa u wera l-potenzjal ta’ spazju pubbliku Ewropew reali għan-nies madwar l-Unjoni biex jinvolvu ruħhom f’dak li huwa l-aktar importanti għalihom.

Dan intwera mill-mod kif iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, il-leġiżlaturi u l-persuni mhux esperti ddiskutew il-kwistjonijiet fundamentali ta’ żmienna u pproponew għadd ta’ soluzzjonijiet f’oqsma li se jiddefinixxu l-futur tal-Ewropa: mit-tibdil fil-klima u l-ambjent, għaddiġitalizzazzjoni u d-demokrazija, is-saħħa u l-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza, l-ekonomija u s-sigurtà, il-valuri u l-kultura – u ħafna aktar minn hekk. Inevitabbilment, ir-riżultat kien imsawwar ukoll mill-kuntest tal-lum u b’mod partikolari mill-kolliżjoni ta’ kriżijiet li l-Ewropa kellha tiffaċċa f’dawn l-aħħar sentejn. L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-ekonomija tagħna kien rifless fis-suġġetti kollha, filwaqt li l-gwerra mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna poġġiet enfasi qawwija fuq il-ħtieġa għal Ewropa aktar b’saħħitha fid-dinja, lesta li żżomm il-paċi u l-valuri kif ilha tagħmel għal aktar minn 70 sena.

Filwaqt li l-Konferenza tat riżultati kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità tal-proposti, is-suċċess tagħha fl-aħħar mill-aħħar se jiddependi fuq il-bidla li tista’ ġġib magħha. F’dan l-

ispirtu, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ilkoll impenjaw ruħhom, fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Marzu 2021, li jibqgħu jibnu fuq dak li għe propost – kull wieħed fil-qafas tal-kompetenzi tiegħu u f'konformità mat-Trattati. Il-President von der Leyen tenniet dan l-impenn fiċ-ċerimonja tal-għeluq tal-Konferenza fid-9 ta' Mejju 2022.

Din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel pass biex dan isir. Hija toffri valutazzjoni ta' dak li hu meħtieġ għax-xogħol fuq il-proposti tal-Konferenza, tagħti stampa tal-passi li jmiss u tistabbilixxi l-aħjar mod kif nieħdu t-tagħlimiet mill-Konferenza u kif nintegraw id-demokrazija parteċipattiva fit-tfassil tal-politika u tal-liġijiet tal-UE.

## 2. IS-SEGWITU: MINN PROPOSTI GĦAL AZZJONI

Il-proposti tal-Konferenza, stabbiliti fir-rapport finali mgħoddi lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea huma wisgħin, ambizzjużi u jħarsu 'l quddiem. Huma strutturati madwar disa' temi wisgħin, b'duplikazzjonijiet naturali bejn uħud mill-miżuri proposti.

### Il-Konferenza: ħafna proposti, viżjoni waħda

Matul sena ta' avvenimenti, id-diskussjonijiet u l-ideat tal-panel taċ-ċittadini miġburin online ssarrfu f'49 proposta u 326 miżura speċifika<sup>1</sup>, strutturati madwar disa' temi:

- ▶ It-tibdil fil-klima u l-ambjent;
- ▶ Is-saħħa;
- ▶ Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjegi;
- ▶ L-UE fid-dinja;
- ▶ Valuri u drittijiet, stat tad-dritt u sigurtà;
- ▶ It-trasformazzjoni diġitali;
- ▶ Demokrazija Ewropea;
- ▶ Migrazzjoni;
- ▶ Edukazzjoni, kultura, żgħażaġħ u sport.

Wara n-numri u bejn il-linji ta' dawn is-suġġerimenti konkreti hemm viżjoni ta' Ewropa li tagħmel il-ħajja ta' kuljum tan-nies aktar faċli - f'żoni rurali jew urbani - li tindirizza l-isfidi ġenerazzjonali tagħna u li fl-aħħar mill-aħħar tagħti riżultati dwar dak li huwa l-aktar importanti għan-nies. Mill-ikel li jieklu, għall-arja li jieħdu man-nifs u għan-natura li jgawdu. Minn aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u akkomodazzjoni affordabbli għal sensazzjoni ta' sikurezza u sigurtà f'dawk l-iskejjel u d-djar.

B'mod ġenerali, il-proposti jappellaw biex l-Ewropa tiffoka fuq il-kisba ta' protezzjonijiet soċjali u ġustizzja, filwaqt li tiddefendi l-valuri tagħha u l-istat tad-dritt. Huma jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Ewropa tiġbor flimkien is-saħħa u d-diversità tagħha biex tindirizza l-akbar kwistjonijiet tal-ġenerazzjoni tagħna – mill-pandemiji u l-gwerra għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali jew it-tibdil demografiku. Fl-aħħar nett, tema rikorrenti qawwija fl-oqsma differenti kollha hija l-ħtieġa li l-Ewropa tkun aktar indipendenti u aktar kapaċi tipprovdi

<sup>1</sup> Aqra r-rapport finali dwar il-pjattaforma tal-Konferenza.

għaliha stess f'oqsma vitali mill-enerġija u l-ikel, il-materjali u l-mediċini sostenibbli, għaċ-ċipep diġitali u t-teknoloġiji ekoloġiċi, iċ-ċibersigurtà, is-sigurtà u d-difiża. Meta jittieħdu flimkien, il-miżuri proposti mill-Konferenza jappellaw biex l-Ewropa tkun aktar attiva f'oqsma li huma importanti b'mod kollettiv jew individwali għan-nies.

## Valutazzjoni tal-proposti

Sabiex ikun hemm segwitu bl-aktar mod trasparenti u dirett tal-proposti tal-Konferenza, hija meħtieġa l-ewwel analiżi biex wieħed jara x'inhu meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom. **Biex din il-valutazzjoni tkun kredibbli, huwa essenzjali li jinżamm l-ispirtu u l-kontenut ta' dak li qed jiġi propost – mingħajr ebda riinterpretazzjoni jew selezzjoni.** Dan huwa dak li hemm stabbilit fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni. Id-49 proposta huma mqassmin fl-istess oqsma tematiċi magħżula mill-Konferenza, bil-valutazzjoni tal-Kummissjoni stabbilita taħt kull qasam.

L-anness jistabbilixxi erba' kategoriji ta' risponsi: inizjattivi eżistenti li jindirizzaw il-proposti; dawk li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed jintalbu jadottaw; l-azzjonijiet ipplanati biex jitwettqu l-ideat, abbażi ta' riflessjonijiet ġodda mill-Konferenza; u inizjattivi jew oqsma ta' ħidma ġodda ispirati mill-proposti, li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni.

**L-ewwel kategorija hija fejn il-Kummissjoni diġà qed timplimenta inizjattivi li jirrispondu direttament il-proposti.** Din tista' tinkludi, pereżempju, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, fejn il-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi miri klimatiċi tal-UE fil-liġi diġà daħlet fis-seħħ. Jew l-Att dwar is-Servizzi Diġitali li se jiżgura li l-ambjent online jibqa' spazju sikur, li jissalvagwardja l-libertà tal-espressjoni u l-opportunitajiet għan-negozji diġitali. Hija tinkludi wkoll l-istabbiliment tal-HERA, l-Awtorità għat-Thejġija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa, biex tgħin lill-Ewropa tfejji ruħha u tirreaġixxi aħjar għat-theddid transfruntier għas-saħħa. Jew il-ftehimiet storiċi li ntlafqu dwar il-pagi minimi u n-nisa fuq il-bordijiet. Hija tinkludi wkoll inizjattivi konkreti biex jissafu s-sħubijiet internazzjonali u r-rwol globali tal-Ewropa, pereżempju permezz tal-istrateġija Global Gateway biex isir investiment f'infrastruttura intelliġenti, nadifa u sigura madwar id-dinja, f'konformità mal-valuri tal-UE.

**It-tieni kategorija hija fejn saru proposti mill-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi bħalissa qed jaħdmu fuqhom.** F'xi każijiet, din tipprova impetu ikbar biex titħaffef il-ħidma leġiżlattiva, pereżempju dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, jew inizjattivi biex tissaħħaħ l-ekonomija ċirkolari f'oqsma bħall-batteriji, jew prodotti sostenibbli. Hija tinkludi wkoll il-proposti li saru taħt il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", li huma essenzjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Ewropa u biex titnaqqas ukoll id-dipendenza enerġetika tagħha. Jew l-inizjattiva tagħna biex tingħata spinta lir-reżiljenza u s-sovranità teknoloġika tal-UE permezz ta' miżuri bħall-Att dwar iċ-Ċipep.

**It-tielet kategorija tinkludi dawk l-oqsma fejn il-Kummissjoni diġà qed tippjana li tagħmel proposti dwarhom** u se tqis is-suġġerimenti li saru mill-Konferenza. Din tinkludi l-Att dwar il-Libertà tal-Media li se jkollu l-għan li jissalvagwardja l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media fis-suq intern tal-UE, u proposta leġiżlattiva biex tissaħħaħ il-provvista tagħna ta' materja prima kritika għat-tranżizzjonijiet doppji jew l-Aġenda Ewropea l-ġdida għall-Innovazzjoni. Jew il-qafas leġiżlattiv li se jkollu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u jagħmilha aktar faċli. Fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tagħmel ukoll proposti li jirrispondu direttament xi wħud mill-proposti, sew jekk dwar ir-restawr tan-natura tagħna u sew jekk dwar il-projbizzjoni milli jidhru fis-suq tal-UE prodotti magħmulin minn xogħol furzat.

Fl-aħħar nett, **ir-raba' qasam huwa fejn il-proposti magħmulin mill-Konferenza huma parzjalment jew kompletament ġodda** u jeħtieġu inizjattivi jew proposti ġodda li jridu isiru mill-Kummissjoni. L-oqsma li l-Konferenza pproponiet f'idma ġdida fihom jinkludu enfasi akbar fuq it-titjib tal-fehim ta' kwistjonijiet tas-saħħa mentali u proposti biex dawn jiġu indirizzati aħjar madwar l-Ewropa. Rakkomandazzjonijiet oħrajn jiffukaw fuq in-nutrizzjoni u s-sigurtà tal-ikel, kif ukoll it-titjib tal-informazzjoni dwar l-ekoimpronta u r-rekord tal-prodotti fir-rigward tal-benessri tal-annimali. Qed jitressqu wkoll approċċ Ewropew ikkoordinat għall-monitoraġġ tad-darknet, kif ukoll enfasi aktar qawwija fuq l-estrazzjoni tal-kriptoaluti.

## Il-prinċipji ta' segwitu

Il-valutazzjoni turi direzzjoni ċara u tidentifika oqsma fejn il-Kummissjoni se jkollha tagħmel proposti. Dan il-Kummissjoni se tagħmlu **bl-aktar mod prammatiku possibbli**, kemm jekk permezz ta' leġiżlazzjoni u kemm jekk b'mod ieħor. Hija se tagħmel użu sħiħ mid-dritt ta' inizjattiva tagħha skont it-Trattati, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u regoli għat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Dan jinkludi l-evalwazzjoni tal-impatt probabbli tal-għażliet ta' politika possibbli, l-iżgurar li ma jkun jista' jkun hemm l-ebda konsegwenza negattiva u l-eżami ta' f'liema livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikun l-aktar effettiv.

Ta' min jinnota wkoll li hemm ukoll ħafna oqsma li jeħtieġu li l-Kummissjoni tiegħu **azzjoni mhux leġiżlattiva**, jew minħabba kompetenza leġiżlattiva limitata jew minħabba li jkun l-aħjar mod biex jintlaħaq ir-risultat mixtieq. Bl-istess mod, mhux il-proposti kollha jaqgħu fil-kompetenza tal-Kummissjoni biex tressaqhom, u għal xi wħud l-aħjar li jinbdew mill-istituzzjonijiet tal-UE l-oħrajn, mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet lokali u reġjonali.

L-ewwel sett ta' proposti ġodda se jifhem fid-**diskors dwar l-Istat tal-Unjoni** tal-President von der Leyen f'Settembru 2022, kif ukoll fl-Itra ta' Intenzjoni li takkumpanjah. Dawn il-proposti se jkunu fost dawk li jridu jiġu inklużi fil-Programm ta' F'idma tal-Kummissjoni tal-2023. Uħud minnhom għandhom jidhru wkoll fil-prijoritajiet leġiżlattivi konġunti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Programmi ta' F'idma futuri tal-Kummissjoni.

## Trattati: Nieħdu l-aħjar minn dak li għandna, nibdlu jekk hemm bżonn

Fis-segwitu ta' dawn il-proposti, **jenħtieġ li r-riformi u l-politiki l-ġodda ma jkunux reċiprokament esklussivi għad-diskussjonijiet dwar il-bidla fit-Trattat**. Il-bidla fit-Trattat m'għandhiex tkun il-fini u għall-maġġoranza l-kbira tal-miżuri, hemm ħafna li jista' jsir u li jeħtieġ li jsir taħt it-trattati eżistenti. Bħat-testi konstituzzjonali tal-Istati Membri, it-trattati tal-UE huma strumenti ħajjin. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri qablu matul il-mandat kollu tal-Kummissjoni li jużaw il-potenzjal sħiħ tat-trattati tal-UE, meta jakkwistaw biljuni ta' vaċċini għaċ-ċittadini madwar l-Ewropa, jew jagħtu spinta lill-ekonomija tal-futur permezz ta' NextGenerationEU. F'dak iż-żmien, l-UE stabbiliet ukoll perkors ambizzjuż u legalment vinkolanti għan-newtralità klimatika, fasslet mill-ġdid ir-regoli tal-logħba fid-dinja diġitali u appoġġat lin-negozji ż-żgħir biex iżommu l-persunal tagħhom matul il-pandemija permezz tal-programm SURE. Din il-ħidma kollha saret possibbli minħabba r-rieda politika murija mill-istituzzjonijiet li jaħdmu flimkien, sabiex jirreaġixxu għan-natura urġenti tal-isfidi.

Hemm ukoll potenzjal mhux sfruttat fit-Trattati eżistenti li jista' jgħin biex jirrispondi l-proposti tal-Konferenza, b'mod partikolari billi jintużaw il- **"klawnsoli passerelle"** biex **ċerti oqsma ta'**

**politika jgħaddu għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata.** Dan kien espliċitament mitlub mill-President von der Leyen fil-Linji Gwida Politiċi tagħha u fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tagħha, f'oqsma bħall-enerġija, it-tassazzjoni, u għal aspetti importanti tal-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni bħas-sanzjonijiet u d-drittijiet tal-bniedem.

Madankollu, uħud mill-ideat stabbiliti mill-Konferenza huma verament innovattivi, u jappellaw lill-UE biex tieħu perkorsi ġodda, li għadhom ma ġewx esplorati. Fost dawn, xi proposti jappellaw b'mod espliċitu għal bidla fit-trattat. Dan jinkludi oqsma bħas-saħħa jew id-difiża.

Il-Konferenza ħolqot momentum ġdid biex tiffoka fuq it-tiġdid u t-titjib tal-proġett Ewropew, billi tibni fuq il-pedamenti tiegħu u taġġornahom fejn meħtieġ. Kif spjegat mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha lill-Konferenza, **il-Kummissjoni dejjem se tkun fuq in-naħa ta' dawk li jridu jirrifurmaw l-Unjoni Ewropea biex taħdem aħjar, inkluż permezz ta' bidla fit-Trattat meta jkun meħtieġ.**

F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni tilqa' r-rieda tal-Parlament Ewropew li juża, għall-ewwel darba, is-setgħat tiegħu miksuba fit-Trattat ta' Liżbona biex jipproponi emendi għat-Trattati. Il-Parlament stabbilixxa għadd ta' oqsma fejn fil-fehma tiegħu l-bidliet fit-Trattati għandhom jiġu diskussi f'**Konvenzjoni**. Il-Kummissjoni tinsab lesta li taqdi bis-sħiħ ir-rwol istituzzjonali tagħha fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari li taġħti l-opinjoni tagħha b'reazzjoni għal konsultazzjoni mill-Kunsill Ewropew.

### 3. IL-FUTUR: INPOĠĠU Ċ-ĊITTADINI FIL-QALBA TAD-DEMOKRAZIJA EWROPEA

Lil hinn mill-kwalità u l-kwantità tal-proposti ta' politika u l-impetu tagħha għar-riforma, il-Konferenza tat ukoll stampa ta' **kif spazju pubbliku Ewropew jista' jiffjorixxi u kif id-demokrazija tagħna tista' tiġi arrikkata, fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, bl-involviment taċ-ċittadini.** Hija wasslet għal mijiet ta' deliberazzjonijiet u diskussjonijiet fl-istil ta' "town hall" jew "coffee shop" f'kull rokna tal-Ewropa. Formati deliberattivi ġodda – bħall-pjattaforma diġitali multilingwi, il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej – ippermettew lill-Ewropej jaqsmu l-ideat tagħhom dwar il-kwistjonijiet li huma jqisu li huma importanti biex jinbena l-futur tal-Unjoni tagħna. U fittxet il-fehmiet ta' dawk li huma l-aktar diffiċli biex jinstemgħu, dawk li rarament jinvolvu ruħhom fil-politika jew forsi ma vvutawx fl-elezzjonijiet Ewropej preċedenti.

Għadd ta' innovazzjonijiet tal-Konferenza jipprovdu gwida dwar kif iċ-ċittadini jiġu inklużi aħjar fl-iffissar tal-prijoritajiet u tal-ambizzjoni, kif ukoll fit-tfassil u fit-tiswir ta' politiki fil-livell Ewropew. Filwaqt li tibni fuq il-Konferenza, u fuq l-għodod eżistenti tagħha stess, **il-Kummissjoni se tipproponi modi biex tiżgura li ċ-ċittadini jingħataw dan ir-rwol aktar mill-qrib fit-tfassil tal-politika tal-UE.**

Karatteristika ċentrali u partikolarment innovattiva tal-Konferenza kienet il-**Panels taċ-Ċittadini Ewropej**. Total ta' madwar 800 ċittadin magħżula b'mod aleatorju, li terz minnhom kienu żgħażaġħ, iltaqgħu għal tliet sessjonijiet deliberattivi kull wieħed u għamlu rakkomandazzjonijiet. Għadd ta' Stati Membri organizzaw Panels taċ-Ċittadini Nazzjonali bbażati fuq l-istess prinċipji.

Filwaqt li tibni fuq dan is-suċċess, **il-Kummissjoni se tagħmilha possibbli li Panels taċ-Ċittadini jiddeliberaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel ċerti proposti ewlenin,** bħala parti mit-tfassil usa' tal-politika tagħha u f'konformità mal-prinċipji ta'

Regolamentazzjoni Aħjar. Dawn jistgħu jkunu panels pan-Ewropej jew panels immirati iżgħar, jiddependi mis-suġġett, biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi ta' politika. Kif kien il-każ fil-Konferenza, jenħtieġ li l-parteċipanti jintgħażlu b'mod aleatorju. Iżda jenħtieġ ukoll li jirriflettu d-diversità u d-demografija tal-Ewropa. Jenħtieġ li terz tal-parteċipanti jkunu żgħażaġħ. Meta jkun xieraq, "rapport taċ-ċittadini" jiġi integrat fil-valutazzjoni tal-impatt, li jiġbor fil-qosor l-eżiti ta' dawn il-proċessi parteċipattivi u deliberattivi. Meta l-parteċipanti kollha jkunu żgħażaġħ, dan ikun magħruf bħala 'test taż-żgħażaġħ'. **L-ewwel waħda minn din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Panels taċ-ċittadini se titnieda fil-kuntest tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022.**

**Il-Pjattaforma Diġitali Multilingwi** ppermettiet lill-parteċipanti jaqsmu u jddeliberaw l-ideat tagħhom bi ftit klikks, u pprovdiet ukoll dar għall-ħafna avvenimenti li qed iseħħu madwar l-Ewropa taħt il-kappa tal-Konferenza. Sa Mejju 2022, kważi 5 miljun viżitatur individwali kienu żaru l-Pjattaforma Diġitali Multilingwi u kien hemm aktar minn 750,000 parteċipant, 18,000 idea diskussi, u aktar minn 6,500 avveniment.

B'reazzjoni għas-sejnhiet mill-parteċipanti tal-Konferenza għat-twaqqif ta' pjattaformi ta' konsultazzjoni online, il-portal **Semma' Leħnek** tal-Kummissjoni se jsir punt uniku ta' servizz għall-involvement online taċ-ċittadini, li jiġbor flimkien l-informazzjoni kollha dwar il-mekkaniżmi ta' involvement taċ-ċittadini li joperaw fil-Kummissjoni. Dan iċ-ċentru online ġdid se jintegra karatteristiċi ewlenin tal-pjattaforma diġitali multilingwi tal-Konferenza: skambji diretti bejn iċ-ċittadini, kummenti – bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bis-saħħa tal-eTranslation – iżda wkoll stħarriġ online u l-ospitar ta' avvenimenti parteċipattivi online. Huwa se jiffirma l-bażi għal ekosistema ġdida ta' impenn demokratiku u innovazzjoni.

Dawn huma parti mill-isforzi usa' tal-Kummissjoni biex issaħħaħ id-demokrazija u l-ispazju pubbliku tal-Ewropa. Fi żmien ta' żieda fil-kunflitti u l-awtoritarjaniżmu madwar id-dinja, **id-demokraziji u r-reżiljenza demokratika jeħtieġu attenzjoni u trawwim aktar minn qatt qabel.** Skont il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Kummissjoni reċentement ipproponiet miżuri biex issaħħaħ il-partiti politiċi Ewropej u tippermettilhom jagħmlu kampanja transfruntiera, bħala parti minn miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-integrità elettoralu u d-dibattitu demokratiku miftuħ. Hija għamlet ukoll proposti biex tiddefendi u ssaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini mobbli tal-UE, b'mod partikolari għall-elezzjonijiet Ewropej. B'mod simili, il-Parlament Ewropew reċentement ippropona li jirrifirma **l-liġi elettorali tal-UE** u għamel proposti biex jiġu inklużi listi transnazzjonali fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Parlament Ewropew biex jikseb ftehim dwar il-liġi elettorali fil-Kunsill.

Din hija wkoll opportunità biex tinbeda riflessjoni dwar kif l-esperjenza miksuba fil-Konferenza tista' tissarraf fit-trawwim ta' identità ċivika Ewropea. Dan ikun jinvolvi, b'mod partikolari, il-valutazzjoni ta' kif l-edukazzjoni u l-komunikazzjoni jistgħu jipprovdu spazju għall-iżvilupp ta' dan it-tip ta' involvement.

#### 4. KONKLUŻJONI

Kif stabbilit f'din il-Komunikazzjoni u fl-anness tagħha, il-Konferenza pprovdiet ħafna fuq xiex naħdmu, iżda pprovdiet ukoll ħafna biex x'nitgħallmu u ħafna xi nżommu – fosthom l-enerġija u l-momentum biex intejbu l-Ewropa u ngħinuha tavvanza. Filwaqt li l-Konferenza ntemmet, il-ħidma għadha qed tibda biex ikun hemm segwitu għall-proposti ċari li saru biex tittejjeb l-

Ewropa u biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jkomplu jsemmgħu leħinhom dwar il-politiki li jaffettwawhom.

Il-Konferenza wriet li l-Ewropej huma determinati li jibnu futur aħjar. Huma jaraw l-Unjoni Ewropea bħala mod kif dan jinkiseb u jridu jibnuha flimkien mar-rappreżentanti eletti. Ewropa ta' paċi u prosperità, ġustizzja u progress, Ewropa li hija soċjali u sostenibbli, li jimpurtaha filwaqt li lesta timplimenta politiki kuraġġużi li jkunu ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet kollha. Il-viżjoni tagħhom hija ċara, u l-ħafna inizjattivi stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni se jippermettu lill-Kummissjoni tibda ssarraf dik il-viżjoni f'azzjoni konkreta.

Is-segwitu għall-eżitu tal-Konferenza huwa responsabbiltà kondiviża tal-istituzzjonijiet parteċipanti, skont il-kompetenza istituzzjonali u fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Komunikazzjoni ċara u effettiva se tkun essenzjali f'dan is-segwitu, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-approvazzjoni miċ-ċittadini u biex tinbena l-fiduċja fil-proċess u l-eżiti tiegħu. Fil-ħarifa tal-2022, se jiġi organizzat **Avveniment ta' Feedback dwar il-Konferenza** biex iċ-ċittadini jinżammu infurmati u biex jinżamm il-momentum. Dan l-avveniment ikun mument opportun għall-komunikazzjoni dwar x'qed jagħmlu t-tliet istituzzjonijiet tal-UE bħala segwitu u biex jingħata rendikont tal-progress f'dak l-istadju tal-proċess. Din se tkun opportunità biex tinħoloq rabta ċara u koeżiva bejn l-eżiti tal-Konferenza u l-attivitajiet futuri li ispirat.